Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, 5 ta' Mejju 2025**

**Kump. Nru. 1793/2024**

**Il-Pulizija**
**(Supt Daryl Borg)**

**Versus**

**Stephen Chircop**
**(185766M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Stephen Chircop**, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 185766M.

Akkuzat talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Nhar is-7 ta' Marzu 2023 minn gewwa 'P. Muscat Opticians' li jinsab fi Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, Malta u /jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq semplice ta' nuccali tax-xemx tad-ditta 'Ray Ban'ghad-dannu ta' 'P. Muscat Opticians' u/jew persuni ohra u/jew entita'/entitajiet ohra;

2. Nhar is-16 ta' Marzu 2023 minn gewwa 'P. Muscat Opticians' li jinsab fi Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, Malta, u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq semplici ta' zewg (2) nuccalijiet tax-xemx tad-ditta 'Ray Ban' ghad-dannu ta' 'P. Opticians' u/jew persuni ohra u/jew entita'/entitajiet ohra;

3. Nhar is-27 ta' Marzu 2024 minn gewwa 'Marks and Spencer' li jinsab il-Belt Valletta, Malta u/jew fi bnadi ohra f'dawn il- Gzejjer, ikkommetta serq semplici ta' zarbun tad-ditta 'Marks and Spencer' ghad-dannu ta' 'Marks and Spencer' u/jew persuni ohra u/jew entita'/entitajiet ohra;

4. Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi ikkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija, liema sentenza inghatat mill-Magistrat Dr R. Montebello LL.D. nhar is-7 ta' Awwissu 2022, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

5. Kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi ikkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' probation, liema sentenza nghatat mill-Magistrat Dr. J. Demicoli LL.D. nhar is-7 ta' Lulju 2022, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

6. Fl-istess dati, lok u cirkostanzi, kemm -il darba jinstab hati rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati li saru definittivi u li ma jistghux jinbidlu;

Il-Qorti hija mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-piena skont il-ligi, meta taghti s-sentenza jew f' kull ordni iehor wara, tikkundanna l-hati ghall-hlas, lir-registratur, tal-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri, f'dak iz-zmien u f'dak l-ammont bhalma jkun gie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni, u dan skont kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex, fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, meta taghti s-sentenza tordna lill-hati sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiza kull haga minnu misruqa bi hsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat jew li jhallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jigi stabbilit mill-Qorti bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghal xi danni jew offiza jew hsara ohra u dan ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tat-13 ta' Frar 2025, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti, wara li rat Artikolu 7, 8, 18, 31, 49, 50, 284, 285 u 289, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed **issib lill-imputat Stephen Chircop hati ta' l-akkuzi numru wiehed (1), tnejn (2), tlieta (3) u sitta (6) migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal seba' (7) xhur prigunerija effettiva.**

Inoltre il-Qorti qed **issib lill-imputat Stephen Chircop hati wkoll tar-raba' (4) imputazzjoni** migjuba kontrih, u tordna ulterjorment, ai termini ta' l-**Artikolu 28B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-piena ta' prigunerija ghal sitt (6) xhur** sospizi ghal tmintax-il xahar, moghtija permezz ta' sentenza ta' din il-Qorti preseduta mill-Magistrat Dr Rachel Montebello, nhar is-7 t'Awwissu 2022 **tigi reza operattiva.**

In oltre, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed **issib lil imputat Stephen Chircop hati tal-hames (5) imputazzjoni** migjuba kontrih, u cioe' li kiser il-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation moghtija fis-7 ta' Lulju tat-2022 minn din il-Qorti, preseduta mill-Magistrat (illum Mhallef) Dr Josette Demicoli, **u qed tittratta mieghu ghall-imputazzjonijiet** li dwarhom hu kien tpogga taht tali ordni daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dawk l-imputazzjonijiet, u filwaqt li ghal kull buon fini **tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijiet, tirrevoka l-Ordni ta' Probation maghmul bis-sentenza msemmija,** u wara li rat l-Artikoli 18, 49, 50, 284, 285 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikoli 21 u 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, **tikkundanna lill-imputat**

**Stephen Chircop ghal perjodu ulterjuri ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva.**

**B'hekk il-hati Stephen Chircop ghandu jaghmel perjodu globali ta' dsatax-il xahar (19) prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proceduri biss.**

Ai termini ta' l-**Artikolu 15A tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed **tordna lil hati Stephen Chircop sabiex ihallas is-somma ta' mitejn u erbgha Euro u sebghin centezmu (€ 204.70)** lil P Muscat Opticians ta' Triq ir-Repubblika, Valletta fi zmien sena (1) millum.

In oltre l-Qorti qieghda tqieghed lill-hati **Stephen Chircop** taht Ordni ta' Trattament ai termini tal-**Artikolu 412D** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex jinghata l-ghajnuna psikjatrika u psikologika necessarja kif ukoll kull ghajnuna ohra li jista' jkollu bzonn l-imputat, u b'mod partikolari li jsegwi t-terapija moghtija lilu sabiex jindirizza l-problemi tieghu ta' dipendenza fuq id-droga, hekk kif jista' jigi rakkomandat mill-Probation Officer, bl-intervent ta' Professjonisti varji, b'liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' **sentejn (2) millum** u li hija soggetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti **qed tordna lill-hati Stephen Chircop sabiex ihallas is-somma ta' seba' mija u tmenin Euro u tmienja u disghin centezmu (€ 780.98)** li huma spejjez relatati mal-hatra t'Esperti fil-kawza odjerna.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, lill-Kummissarju tal-Pulizija u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**